MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 166/2012

**Paola Development Company Limited**

**Vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob li:-

1. Il-konvenut jigi kundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-qorti, jipprocedi billi jinnotifika lill-attrici b’avviz ghal ftehim.
2. Tistabilixxi r-rata ta’ imghax u d-data b’effett minn meta ghandu jihtallas l-imghax mill-konvenut fuq il-valur ta’ kumpens li jigi dikjarat li hu dovut.

Jirrizulta li b'kuntratt tat-22 ta' Mejju 1970 l-attrici xtrat porzjon art Ta' Sqaq il-Koppla, limiti tal-Fgura b'kejl ta' 227.73 qasab kwadri. B'dikjarazzjoni tas-7 ta' April 1977 l-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta ordna l-esproprijazzjoni b'xiri assolut ta' 121.4 metri kwadri minn din l-art. Minn dak iz-zmien il-konvenut ma ha l-ebda passi biex ihallas kumpens lill-attrici u jsehh it-trasferiment tat-titolu.

Fit-twegiba guramentata prezentata fid-29 ta' Marzu 2012[1] il-konvenut iddikjara:-

***"Ghaldaqstant l-esponent jikkonferma li l-procedura tal-espropriju, issa li hemm konferma tat-titolu tas-socjeta rikorrenti, qieghda titkompla u fil-fatt fil-gimghat li gejjin se tkun tista' tinhareg l-ittra ufficjali bl-ammont ta' kumpens offrut, sabiex is-socjeta rikorrenti tkun tista' tigi kkumpensata skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta)."***.

Fis-seduta tal-lum r-rapprezentanti tal-attrici ddikjaraw li qeghdin jirrinunzjaw ghall-meritu u rrizervaw il-kap tal-ispejjez. Jirrizulta li fil-15 ta' Settembru l-attrici giet notifikata b'avviz prezentat mill-konvenut fl-10 ta' Settembru 2012 fil-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet, fejn baghat igharraf lill-attrici li:-

i. Kien sodisfatt li l-attrici hi proprjetarja tal-art li giet esproprijata;
ii. Qed joffri kumpens ta' disgha u erbghin elf ewro (€49,000);
iii. Kellha jedd tikkontesta l-ammont ta' kumpens fi zmien 21 gurnata min-notifika tal-att gudizzjarju.

Fit-twegiba guramentata[2] l-konvenut qal ukoll li:-

[1] Fol. 19.
[2] Fol. 19.

i. Sabiex ikun jista' jipprocedi bil-procedura tal-esproprju, irid ikun infurmat bi provi dokumentarji dwar min huma s-sidien. Il-konvenut iddikjara li kien fil-21 ta' April 2010 li hu kien gie nfurmat b'certezza dwar it-titolu tal-attrici. Ovvjament dan it-taghrif jinghata mis-sid meta jintalab mill-Kummissarju tal-Artijiet. F'dan ir-rigward il-qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn dan il-process ha dan iz-zmien kollu, u m'hemm l-ebda prova li l-attrici kienet il-kagun jew ikkontribwiet ghal dan id-dewmien ezagerat.

ii. L-ammont ta' espropriji huma numeruzi u ghalhekk m'huwiex dejjem facli li l-kazijiet jigu trattati f'qasir zmien. Filwaqt li l-qorti tapprezza li l-volum ta' xoghol hu konsiderevoli, pero t-trapass ta' 35 sena ma jista' jsib l-ebda gustifikazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddikjara li l-meritu hu ezawrit, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez gudizzjarji**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------